KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 369**

**It-Tnejn 8 t'April, 2019**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**369.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

369.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**369.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

369.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 368.

369.2.2 368.5.3 Is-Sindku infurmat li għal darb'oħra reġa ma kien hemm l-ebda approvazzjoni mit-TM għal proposti ta' miżuri ta' sigurta' fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Is-Sindku tenniet li kienet nfurmat lil TM li kien hemm digriet tal-Qorti għal miżuri ta' sigurtà u talbet li l-Kunsill Lokali jingħata approvazzjoni għall-proposti mressqa fosthom għal roundabout fil-bidu tas-Siġġiewi, *pedestrian lights* u tabelli għall-użu ta' *speed guns*. Is-Sindku qalet li kienet se terġa tikteb lil TM b'din l-pożizzjoni.

369.2.3 368.5.4 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li peress li bit-twaħħil tal-*guard rail* fi Trejqet l-Anġli, it-triq djieqet, ġiet ta' periklu li t-traffiku jgħaddi fiż-żewġ direzzjonijiet. Huwa propona li bħala miżura ta' sigurta temporanja titwaħħal mera tat-traffiku fil-liwja.

369.2.4 368.5.5 Is-Sindku qalet li bi ftehim mal-WSC, t-toroq li fihom qed isir xogħol mill-Korporazzjoni fiż-żona tas-Salib tal-Għolja għandhom ikunu mwittija u mingħajr periklu sa Ħamis ix-Xirka minħabba l-attivita' tal-Mixgħela.

369.2.5 Il-Viċi Sindku qal li fi żmien li Triq it-Tiġrija kienet magħluqa, it-traffiku kien qed jiġi ddevjat lejn Triq il-Lawrenti, liema triq ma tiflaħx għal dak il-piż ta' traffiku. Il-Viċi Sindku qal li din it-triq saritilha ħafna ħsara infrastrutturali u qegħda f'periklu imminenti li tisfronda. Huwa qal li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni ma' TM għat-tiswijiet meħtieġa u biex jiġi evitat periklu. Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali kien diġa' għamel din t-talba lil diversi awtoritajiet fosthom TM, IM u WSC.

369.2.6 368.8.2 Is-Sindku infurmat li kien ġie ppublikat il-fuljett bl-attivitajiet kollha tal-għaqdiet lokali relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa. Fil-fuljett hemm ukoll avviż tal-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar ir-rapport ta' Tal-Għolja li sa ssir fl-10 t'April fis-6.00ta' filgħaxija, fis-Sala tal-Kunsill. Għal laqgħa ser jitħejja filmat kulturali u jinqraw xi siltiet u poeżiji fuq tal-Għolja.

369.2.7 368.14.5 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li t-tiswija ta' Sqaq tal-Lawrenti għadha ma saritx. Is-Sindku staqsiet jekk hux qed jirreferi għal isqaq li għalih l-Kunsill qabel li japprova li TM tapplika għall-fondi tal-UE, liema fondi, il-Kunsill kien nfurmat li ġew approvati. Il-Kunsillier ma weġibx dwar dan u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillier jindika eżatt fuq pjanta għal liema sqaq kien qed jirreferi. Is-Sindku qalet li bħal fil-każ ta' Wied Xkora, il-Kunsill Lokali għandu jistaqsi meta se jibdew x-xogħolijiet għall-wiċċ ġdid tat-triq qabel jiġi ordnat patching. Dan sabiex ma ssirx l-ispiża ta' patching u tinqala t-triq ftit jiem wara. Is-Sindku tenniet li għal dawn iż-żewġ toroq jekk il-Kunsill ma jkollux tweġiba ċara li sa jibdew xogħolijiet minn TM fi żmien xahar, isir il-patching tagħhom fil-ġimgħat li ġejjin.

369.2.8 368.13.2 Is-Sindku qalet li ser tinkiteb ittra lill-LBV Ltd. bl-avukat biex jingħata data sa meta jridu jitwaħħlu l-bibien tal-latrina ta' Għar Lapsi waqt li jiġi mfakkar fl-obligi tiegħu tal-kuntratt u fuq parir tal-avukat, jiġi mwissi bil-passi li se jkun qed jieħu l-Kunsill Lokali skont l-kuntratt.

369.2.9 Is-Sindku proponiet li jiġu approvati l-Minuti.
Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace issekondat.
Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**369.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

369.3.1 **Skema Ċirk SPI/05/2019 – Rebbiegħa fil-Komunita'- Xettel b'Ilwien in-Natura**
Is-Sindku infurmat li kien hemm sejħa għall-kompetizzjoni biex jintagħżlu massimu ta' tlett toroq fil-lokalita', u bi ftehim mar-residenti jitpoġġew pjanti mal-faċċati tad-djar biex tinħoloq kuxjenza ta' ambjent sabiħ u tħajjar lil residenti ta' toroq oħra jieħdu l-istess inizjattiva. Is-Sindku proponiet li bħala ċentru tar-raħal, din l-iskema ssir fuq Pjazza San Nikola u żewġ toroq biswit, Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa. Il-Kunsill qabel jipparteċipa b'dawn it-toroq.

369.3.2 Is-Sindku, skond il-provvedimenti ta' Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363), infurmat lill-Kunsill li, l-Kunsillier Clayton Cutajar kien naqas li jattendi iktar minn terz tal-laqgħat, imsejħa fi żmien 6 xhur, bejn Ġunju u Diċembru 2018. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u unanimament qabel li l-Kunsillier Clayton Cutajar dejjem provda ittra ta' ġustifikazzjoni għall-assenza tiegħu għal raġunijiet validi. Il-Kunsill unanimament jirrakkomanda li l-post ma jiġix dikjarat vakat.

**369.4 Tenders**
Is-Sindku infurmat li:

369.4.1 **Tender LCS71/18 Street Sweeping**
Wara li l-Kunsill talab il-parir legali rigward l-evalwazzjoni tat-tender tal-knis, ġie stabbilit li l-irħas offerent kellu r-rata tal-ħlas tal-ħaddiema irħas mill-minimu stabbilit, u għalhekk ma kienx konformi. B'hekk il-Bord jista' jgħaddi biex jevalwa it-tieni l-irħas offerent.

369.4.2 ***Tender Re-Surfacing of Siggiewi Rural Roads under Measure 4.3 of the European Agricultural Fund for Rural Development***

Is-Sindku infurmat li kien hemm żewġ offerenti. Waqt l-evalwazzjoni tat-tender, il-Bord sab diffikulta' fil-Financial Bid, u għalhekk ser jissejjaħ l-bord ta' professjonisti li kien waqqaf il-Kunsill Lokali biex jassistu b'pariri tekniċi f'każijiet bħal dawn.

369.4.3

Is-Sindku proponiet li jibda l-proċess għall-ħruġ tat-tenders tal-Planting Public Spaces u Tindif tal-Lattrini. Il-Kunsill unanimament qabel.

**369.5**

**Applikazzjoni Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ**

Is-Sindku infurmat li reġgħet fetħet l-applikazzjoni tal-Miżura 4.4 tal-Ħitan tas-Sejjieħ b'*capping* ta' €150,000. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jagħmel lista ta' ħitan imwaqqa' fil-lokalita', inklużi dawk li qegħdin reġistrati fis-sistema tal-ilmenti tal-Kunsill. Għalhekk, ser jitqabbad il-Perit tal-Kunsill jibda jaħdem fuq il-BOQ għall-applikazzjoni. Is-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera li jekk għandhom xi ilmenti ta' ħitan imwaqqa' jgħadduhom kemm jista jkun malajr lis-Segretarju Eżekuttiv. L-applikazzjoni tagħlaq fl-aħħar t'April 2019.

**369.6 Applikazzjoni – Skema Arti fi Spazji Pubbliċi**

369.6.1 Is-Sindku infurmat il-Kunsill bl-iskema Arti fi Spazji Pubbliċi. Hija proponiet li l-Kunsill japplika bil-proposta li matul is-Seduta tressaq mudell tagħha. Il-proposta ġiet suġġerieta mill-artist mis-Siġġiewi, Noel Attard biex isir monument fir-roundabout ta' Triq ta' Kilpa liema monument jirrappreżenta Anġlu tal-Providenza hekk kif għal din l-iskema l-artist jista' japplika b'arti marbuta mal-istorja u postijiet taż-żona. 'L-Anġlu tal-Providenza' jkollu rabta mal-Knisja tal-Providenza u d-Dar tal-Providenza. Il-Viċi Sindku propona li l-isem ikun bil-Malti, 'L-Anġlu tal-Providenza'. L-applikazzjoni tagħlaq fil-11 t'April 2019. Il-Kunsill qabel unanimament li jappoġġja l-applikazzjoni li se ssir minn Noel Attard.

**369.7 Titjib fl-Isqaqien tal-Bdiewa**

Is-Sindku qalet li ġew evalwati l-applikazzjonijiet li kien hemm pendenti fil-file u fis-sistema ta' lmenti għal talba ta' konkos mill-bdiewa.

**369.7.1** Hija qalet li peress li it-talba hija ħafna ogħla mill-valur allokat. Għalhekk kien se jingħata massimu ta' €6,000 għal sqaqien li jiswew ħafna iktar bħal sqaq tal-Għaqba u tal-Qanpiena. Il-bqija tal-isqaqien se jingħataw minn €5,000 jew inqas. Hi qalet li għalissa se jiġu eliminati sqaqien fejn ingħata wiċċ ġdid lit-triq rurali jew fejn mistenni jingħata wiċċ ġdid b'fondi Ewropej. Is-Sindku qalet li jekk jibqa' fondi, jingħata konkos lill-isqaqien ta' Triq tax-Xama hekk kif l-awtoitajiet kienu ħallew lill-bdiewa mingħajr wiċċ ġdid tat-triq għal żmien twil, minkejja li hemm fondi appovati għal din it-triq. Il-Kunsill Lokali se jkun qed jerġa jikkomunika mal-awtoritajiet biex jibdew xogħolijiet f'din it-triq.

369.8 **Attivitajiet**

369.8.1 **Mixgħela 2018**

Is-Sindku infurmat li l-attivita' tal-Kunsill li jmiss hija l-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja fit-18 ta' Marzu. Il-Viċi Sindku qal li kellu laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill fejn ġiet iċċekjata il-loġistika u l-aħħar preparamenti għall-avveniment. Huwa qal li kellu laqgħa wkoll mal-Ispettur tad-Distrett fuq il-koordinament tal-Pulizija fuq Tal-Għolja, għeluq tal-Pjazza u sigurta' waqt l-attivita'. Il-Viċi Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jxerrdu l-avviżi tal-attivitajiet fuq il-facebook page tagħhom.

369.8.2 **It-Tieqa tal-Ħsieb**

Is-Sindku qalet li, wara li ddiskutiet mal-Kunsill tat-Tfal, ġie propost li fl-area fl-Outdoor gym fejn saru il-bandli għat-tfal żgħar, issir żona ta' qari, bankjiet żgħar għat-tfal u librerija f'forma ta' tieqa fejn it-tfal jistgħu jieħdu ktieb u jpoġġu ktieb. Din il-librerija tkun tissejjaħ 'It-Tieqa tal-Ħsieb'. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta. Għalhekk is-Sindku proponiet li ssir attivita' nhar il-Ħadd 28t'April 2019 fl-10.00am u jiġu mistiedna l-Kummissarju tat-Tfal, l-Kap tal-Iskola, il-librara u rappreżentanti oħra tal-komunità.

369.8.3 **Inizjattiva Serata ta' talent - Dar tal-Providenza**

Is-Sindku qalet li b'fondi lid-Dar tal-Providenza mill-Annabelle Vassallo Youth Initiative, ser issir serata ta' talent f'Mejju, fl-Iskola Primarja tal-Lokal. Din se tkun bla ħlas imma min jattendi mħeġġeġ jagħti donazzjoni lid-Dar tal-Providenza.

**369.9** **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv lis-Sur Kurt Guillaumier, preżentement Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**369.10** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**369.10.1** Is- Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvillupp fis-Siġġiewi.

**369.10.2** *PA10937/18 To extend quarry area at Site at l/o Tad- Debbiet, l/o, Triq l-Imqabba, Siggiewi*

Is-Sindku proponiet li l-Kunsill Lokali jagħmel din is-sottomissjoni għall-applikazzjoni:

B'referenza għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jinnota li:

Kull applikazzjoni ta' żvilupp fil-konfini tas-Siġġiewi li titressaq quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar tkun eżaminata fid-dawl ta' *policies* eżistenti applikabbli għal din l-applikazzjoni.

Il-Kunsill Lokali jinnota li din l-applikazzjoni hija għal żvilupp f’żona fis-Siġġiewi magħrufa bħala Tad-Debbiet.
Għal dan il-għan, il-Kunsill Lokali jesiġi li kull żvilupp fil-konfini għandu jkun jixraq liż-żoni rispettivi, ma jkunx esaġerat u jipproteġi l-ambjent rurali.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi qiegħed permezz ta’ din ir-rappreżentazzjoni jirreġistra bħala terza parti interessata fir-rigward tal-imsemmija applikazzjoni u dan skont dak li jipprovdi l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552 tal-Liġijiet ta’ Malta). Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jirriżerva d-dritt li jagħmel aktar sottomissijonijiet u/jew jagħmel sottomissjonijiet f’aktar dettal b’żieda ma’ dawk hawn fuq imniżżla.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jitlob li jinżamm infurmat b’dak kollu li tkun qed tagħmel u tikkunsidra l-Awtorità tal-Ippjanar b’rabta mal-imsemmija applikazzjoni, inkluż iżda mhux biss, bi kwalunkwe rapport u/jew rakkomandazzjoni li ssir dwar l-imsemmija applikazzjoni kif ukoll bid-dettalji tal-laqgħat li matulhom tkun ser tiġi kkunsidrata l-imsemmija applikazzjoni.

- L-operazzjoni tal-barriera proposta ser twassal għal madwar 6000m.k ta' art agrikola li tinqered sabiex jiġu estratti madwar 135,000m.ku ta' materjal. It-tnaqqis ta' din l-art agrikola ser taffetwa b'mod negattiv iż-żona anke jekk is-sit imdawar b'numru ta' barrieri oħra. L-kunsill lokali huwa favur li ż-żoni rurali u aġrikoli bħal dan is-sit jiġu preservati f'istat u l-użu preżenti.
- L-iżvilupp ser jiġġenera trabijiet kontinwi li ser jaffetwaw l-madwar b'mod speċjali operazzjoniet agrikoli fil-madwar u residenzi fiż-żona. Anke jekk l-ERA qed tirrakomanda li kwalunkwe żvilupp irrid jirrispetta l-Environmental Construction Site Regulations (S.L. 552.09), l-iżvilupp propost ser jaffetwa b'mod negattiv l-lokalita'
- L-iżvilupp ser jiġġenera ukoll ħsejjes ta' livell għoli (livell dB) mil-operazzjoni ta' l-stone crusher. Dawn l-ħsejjes mistennija jwasslu sar-residenti fil-viċinanzi anke dawk fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi fiż-żona urbana tas-Siġġiewi. Huwa mistenni li jsir aktar studju mil-applikant fuq it-tali zvilupp f'dan ir-rigward.
- L-iżvilupp ser joħloq problemi f'aċċess preżenti. L-aċċess huwa dejjaq u joffri l-unika aċċess għal diversi bdiewa fil-madwar u għalhekk għandu jsir TIS dwar l-istat tat-trejqa, l-effett ta' dan l-iżvilupp u l-entry/exit point-effect ma' Triq l-Mqabba.

Il-Kunsill qabel b’mod unanimu.

**369.10.3** Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali ġie nfurmat b’applikazzjoni dwar batching plant f’żona viċin Ħal Xluq. Hi proponiet li ssir oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni u l-Kunsill Lokali qabel ma’ din is-sottomissjoni:

***PA/01224/19 - Sanctioning of offices, stores and construction yard and construction of batching plant & ancillary facilities to it.***

B'referenza għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jinnota li:

Kull applikazzjoni ta' żvilupp fil-konfini tas-Siġġiewi li titressaq quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar tkun eżaminata fid-dawl ta' policies eżistenti u applikabbli għal din l-applikazzjoni.
Il-Kunsill Lokali jinnota li din l-applikazzjoni hija għal żvilupp f'żona fis-Siġġiewi magħrufa bħala Ta' Zgamardi. Din iz-zona tinsab ukoll madwar 500m miż-żona ta' tal-Ħal Xluq. F'din iż-żona hemm il-Kappella ta' Santa Marija tal-Ħal Xluq, bil-kappella u ż-żona għandhom valur storiku u kulturali għas-Siġġiewi u għal pajjiżna. Aktar informazzjoni tinsab hawn taħt.

Għal dan il-għan, il-Kunsill Lokali jesiġi li kull żvilupp fl-inħawi għandu jkun jixraq lil din iż-żona  storika, ma jkunx esaġerat u jipproteġi l-ambjent rurali.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi qiegħed permezz ta' din ir-rappreżentazzjoni jirreġistra bħala terza parti interessata fir-rigward tal-imsemmija applikazzjoni u dan skont dak li jipprovdi l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jirriżerva d-dritt li jagħmel aktar sottomissijonijiet u/jew jagħmel sottomissjonijiet f'aktar dettal b'żieda ma' dawk hawn fuq imniżżla. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jitlob li jinżamm infurmat b'dak kollu li tkun qed tagħmel u tikkunsidra l-Awtorità tal-Ippjanar b'rabta mal-imsemmija applikazzjoni, inkluż iżda mhux biss, bi kwalunkwe rapport u/jew rakkomandazzjoni li ssir dwar l-imsemmija applikazzjoni kif ukoll bid-dettalji tal-laqgħat li matulhom tkun ser tiġi kkunsidrata l-imsemmija applikazzjoni.

Wara rakkomandazzjoni ta' l-ERA, il-Kunsill Lokali jirriserva id-dritt illi jkollu kopja ntera tal-Environmental Impact Assessment u l-Project Description Statement sabiex ikun jista jaghti l-kummenti tieghu.

Dan l-izvilupp ser ikun qed jaghmel impatt negattiv fuq il-kwalita' tal-ħajja tar-residenti, partikolarment minħabba trabijiet (*particles*) rizultat ta' l-operat ta' impjant kif ukoll ħsejjes/storbju riżultat ta' l-istess operat. Dan l-iżvilupp qiegħed jiġi propost madwar 200 metru biss il-bogħod miż-żona residenżjali tas-Siġġiewi.

Dan l-izvilupp qiegħed jiġi propost f'żona ODZ, u għalhekk kwalunkwe żvilupp li mhux relatat ma' operat agrikolu (jew kompatibbli) m'għandux jiġi approvat f'din iż-żona.

Dan l-iżvilupp qieghed jiġi propost fuq art li għandha enforcement notice, EC/00366/08.

Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jappella għal kull deċiżjoni finali.

**369.11** **Rapport tal-korrispondenza**

**369.11.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**369.11.2** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat bl-ittra mill-BOV fejn talbu riżoluzzjoni tal-Bord biex jiġi appuntat amministratur tas-sistema 24x7. Is-Segretarju talbet biex tiġi appuntata hi bħala l-Kap Finanzjarju u infurmat ukoll li s-sistema tat-24x7 tal-Kunsill qegħda biss 'for viewing' u ma tista ssir l-ebda transazzjoni. Il-Kunsill approva unanimament li tiġi appuntata s-Segretarju Eżekuttiv bħala amministratur tas-sistema.

**369.12** **Rapport tal-ilmenti**

**369.12.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**369.13** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

369.14 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

369.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wieħed mill-kompjuters tal-Uffiċċju tħassar u mhux vjabbli jissewwa peress li issa għandu sistema antika. Għalhekk talbet li jkun maqtugħ mill-inventarju tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel unanimament.

369.14.2 Għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtara computer ġdid u laptop għall-użu tal-uffiċċju. Il-Kunsill unanimament qabel.

369.14.3 Il-Kunsillier Dr. Mark A. Vassallo qal li it-telephone box ta' Pjazza San Nikola biswit l-għassa, imkissra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din tkissret kawża tal-aħħar maltempata, u li hija propjeta tal-Go. Hija qalet li il-Go ġew infurmati bil-ħsara.

369.14.4 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li fi Triq Blat il-Qamar hemm sit ta' kostruzzjoni imdawwar b'ċint u li qiegħed mingħajr bankina bil-konsegwenza li n-nies ikollhom jimxu fit-triq. Is-Sindku qalet li l-Kunsilll kien diġa talab lis-sid sabiex jaċċerta li s-sit ma joħloq l-ebda inkonvenjent jew periklu.

369.14.5 Il-Kunsillier Grech qal li fi Triq Manwel Bonnici hemm cable tad-dawl mikxuf biex jiġi rrapurtat kemm jista jkun malajr minħabba periklu. Is-Sindku qalet li dan l-ilment kien diġa ġie trattat. Il-wire qiegħed fuq faċċata ta' propjetà privata u s-sid

kien diġan ġie gwidat biex jagħmel l-arranġamenti biex jitneħħa periklu.

369.14.6 Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa fhiex waslet l-applikazzjoni ta' double yellow line fi sqaq fi Triq tan-Nofs. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li qegħda pending għand TM.

369.14.7 Il-Kunsillier Grech qal li hemm bżonn refreshing ta' linji sofor fi Triq Ramija. Kompla jgħid li hemm bżonn knis frekwenti fi Triq Lapsi minn żrar li jaqa' mit-trakkijiet tal-barrieri.

369.14.8 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix ħażin fi Triq id-Difa' u Triq Salvu Borg Olivier.

369.14.9 Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li hemm bżonn titnaddaf u jinqata' l-ħaxix ħażin fid-dawra ta' barra tal-ground tal-football.

369.14.10 Huwa talab ukoll refreshing ta' motorcycle bay fi Triq Ta' Brandin. Il-Kunsillier Cassar qal li rċieva diversi ilmenti minn residenti dwar ipparkjar ħażin fi Triq l-Imqabba, u talab li jintalab enforcement taż-żona għal aktar kontroll.

369.14.11 Il-Kunsillir Cassar qal li il-ġnien fi Triq Dun Anton Vella għandu bżonn tindifa u upkeep tal-pjanti u siġar.

369.15 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-8.00p.m. u s-Sindku ppropONiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2019 fis-6.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 6 ta' Mejju 2019.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Annex 1**

**Informazzjoni dwar l-istorja ta' Ħal Xluq li tinsab fil-vicinanzi ta' l-applikazzjoni in kwistjoni annessa ma' dawn il-Minuti bħala Annex 1.**

Meta, fl-1575 il-Viżitatur Appostoliku Mons Pietru Duzina żar is-Siġġiewi, sab imxerrdin qalb l-għelieqi lejn in-naħat ta' Ħal-Xluq, kienu sitt kappelli żgħar. Minn dawn f'inqas minn 50 sena, kien għad fadal biss tnejn, fosthom il-Kappella ta' Santa Marija li għadha wieqfa sal-lum.

Fl-1419, 17-il raġel kienu msejħin għad-Dejma. Dan għalhekk ifisser li Ħal Xluq kellu popolazzjoni ta' madwar 80 ruħ. Fl-1615, il-kappella, minħabba li kienet tinsab nofsha mġarrfa, twaqqet u reġgħet inbniet mill-ġdid minn Dun Stiefnu Buttigieg. Niesu, li kienu jieħdu ħsiebha, kienu minn Ħal Xluq. Fosthom insibu lil Dun Gwann Pawl li ħalla xi benefikati għall-ħtiġijiet tal-kappella; huwa bena wkoll u kien joqgħod f'dik il-binja kbira li tidher nofs triq bejn l-istatwa ta' Santa Marija u l-kappella. Sal-1630 kien għad baqa' n-nies jgħixu f'Ħal-Xluq u għalhekk kien meqjus bħala raħal għalih għalkemm dipendenti mis-Siġġiewi. Maż-żmien in-nies bdew, kulma jmur, aktar jonqsu minħabba mard u bosta raġunijiet oħra. Madankollu l-festa tat-Tlugħ ta' Santa Marija fis-Sema baqgħet dejjem issir u fl-aħħar snin din l-festa, li ssi f'Awwissu, kompliet tissaħħaħ.